MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 32/2009

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Clauneck Multimedia Developments Limited (C 33640)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€841.40) minghand is-socjeta' konvenuta, in konnessjoni ma' servizz telefoniku bin-numru 21381103, u minkejja li l-istess socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ tmien mija u wiehed u erbghin Ewro u erbghin centezmu (€841.40), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------